



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2012/2290 (INI)

24.4.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ippjanar tal-politika bil-quddiem u tendenzi fuq perjodu twil ta' żmien:
implikazzjonijiet baġitarji għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet
(2012/2290(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Oldřich Vlasák

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni:

1. Jindika li, bi qbil mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-iżvilupp ta' strateġiji soċjoekonomiċi fit-tul u l-implimentazzjoni tal-politiki fl-UE jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' diversi oraganizzazzjonijiet pubbliċi, bħall-istituzzjonijiet Ewropej, il-ministeri tal-gvern, id-dipartimenti tal-awtorità lokali jew reġjonali u aġenziji speċifiċi; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li is-sħab soċjali u ekonomiċi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u partijiet interessati oħra għandhom ukoll rwol fl-iżvilupp ta' strateġiji fit-tul flimkien ma' korpi pubbliċi fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet Ewropej; għalhekk, jenfasizza li għandu jiġi applikat approċċ ta' governanza f'diversi livelli;
2. Jenfasizza li, biex jiġu żgurati l-iżvilupp armonjuż tal-Unjoni u l-funzjonament bla xkiel tal-programmi tal-Unjoni, dawn l-istrutturi jeħtieġu kapaciċitajiet amministrattivi u maniġerjali moderni sabiex ifasslu strateġiji interkonnessi u bil-quddiem, li għandhom jinkludu wkoll kwistjonijiet speċifiċi għar-reġjuni, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kwalità u l-effikaċja ta' politiki differenti f'diversi oqsma; jenfasizza li l-mekkaniżmi għat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-proċessi amministrattivi eżistenti għandhom jiġu valutati bil-għan li jiġi stabbilit jekk l-amministrazzjoni teħtieġ li tiġi modernizzata; jirrimarka, madankollu, li kwalunkwe żieda fil-kapaċità ma għandhiex tinvolvi l-ħolqien ta' istituzzjonijiet jew mekkaniżmi ġodda iżda li l-proċessi amministrattivi eżistenti għandhom jintużaw b'mod effettiv bħala parti minn strateġiji bil-quddiem; huwa tal-fehma li, jekk għandhom jiġu żgurati l-iżvilupp armonjuż tal-Unjoni u l-funzjonament bla xkiel tal-programmi tal-Unjoni, l-Istati Membri jeħtieġu kapaciċitajiet amministrattivi u maniġerjali moderni; huwa tal-fehma li attenzjoni partikolari għandha tingħata lill-Istati Membri li jirreġistraw dewmien u rati ta' assorbiment baxxi matul il-perjodu ta' programmar 2007-2013;
3. Jenfasizza l-fatt li l-finanzjament skont il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għat-tishiġ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u amministrattivi fl-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, pereżempju permezz tal-immodernizzar tal-ġestjoni tar-riżorsi umani, l-organizzazzjoni mill-ġdid tar-rwoli u l-kompetenzi tal-amministrazzjoni pubblika, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq in-negozji, it-tishiġ tal-amministrazzjoni reġjonali u lokali, l-għoti ta' appoġġ lil sħab soċjali u lil NGOs, l-immodernizzar tal-proċessi tal-politika għall-iżvilupp u l-investment fi proġetti pubbliċi tal-kapital f'diversi oqsma tal-gvern elettroniku. Jikkunsidra li l-preparazzjoni ta' benefiċjarji futuri tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għandha tkun prijorità għall-perjodu attwali ta' programmar;
4. Huwa tal-fehma, li b'mod partikolari l-qasam tal-governanza elettronika huwa kruċjali għall-bini tal-kapaċità, għal modernizzazzjoni amministrattiva u għal koordinazzjoni orizzontali u vertikali aħjar bejn l-awtoritajiet differenti fil-livell nazzjonali u Ewropew; jenfasizza wkoll, li l-implimentazzjoni tal-governanza elettronika għandha tissawwar fuq l-esperjenza vasta tal-Istati Membri, tal-istituzzjonijiet Ewropej kif ukoll tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi;

5. Jenfasizza li, minkejja l-progress miksub fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-iżvilupp bejn ir-reġjuni, għad hemm differenzi kbar f'dak li huwa l-livell ta' żvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom, u dawn id-differenzi jistgħu jinstabu wkoll fil-kwalità tas-servizzi pubbliċi offruti liċ-ċittadini;
6. Jikkunsidra li l-qafas finanzjarju pluriennali jikkostitwixxi strument importanti ħafna għall-ippjanar fit-tul tal-proġett Ewropew, fejn jitqiesu l-perspettiva Ewropea u l-valur miżjud tal-Unjoni; jitlob, madanakollu, għal koordinament aħjar bejn il-baġit tal-UE u l-baġits nazzjonali tal-Istati Membri, u biex l-infiq tal-fondi pubbliċi għal tranżizzjoni minn ippjanar għal implimentazzjoni jsir b'tali mod li jiżgura komplimentarjetà akbar u aktar koordinament u sinerġiji mingħajr duplikazzjoni tar-riżorsi, u bħala kontribut effettiv biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti. Jenfasizza l-importanza li l-miri tal-UE 2020 jingħaqdu mal-istrateġiji tal-iżvilupp nazzjonali sabiex jiġi żgurat li l-investimenti jsiru bl-aktar mod effettiv u responsabbli possibbli;
7. Jenfasizza li, abbażi tal-karattru multiannwali, orizzontali u fit-tul tagħha, il-politika ta' koeżjoni hija, sforz in-neċessità, politika b'komponent qawwi ta' ppjanar bil-quddiem, u li, minħabba s-sehem sinifikanti tagħha tal-baġit tal-UE, teħtieġ li jkollha pożizzjoni prominenti fi kwalunkwe ppjanar baġitjaru bil-quddiem.
8. Jemmen li l-formolazzjoni tal-politika fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni u oqsma oħra tiddependi aktar u aktar fuq l-identifikazzjoni f'waqtha ta' tendenzi globali fit-tul; jinnota, f'dan ir-rigward, diversi rapporti bil-quddiem bħalma hu Proġett Ewropa 2030 (ir-rapport li tressaq lill-Kunsill Ewropew mill-Grupp ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-UE 2030) u "Tendenzi Globali 2030 – Ċittadini f'Dinja Poliċentika u Interkonnessa" li tħejja mill-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji ta' Sigurtà, (IUEIS) bħala parti mill-proġett tas-Sistema ta' Analiżi tal-Istrateġiji u l-Politiki Ewropej (SAIPE);
9. Jirrakomanda koordinament aktar mill-qrib ta' tali inizjattivi ta' rappurtar u l-istabbiliment ta' sistema interistituzzjonali biex jiġu identifikati tendenzi fit-tul fir-rigward ta' kwestjonijiet maġġuri tal-politika li qiegħda taffronta l-Unjoni, u jqis li tali sistema għandha tinvolvi persunal mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE rilevanti kollha, inkluż il-Kumitat tar-Reġjuni. Jemmen li l-mekkaniżmu ta' rappurtar jeħtieġ li jkun is-suġġett ta' diskussjoni li tinvolvi l-gruppi interessati u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tan-negozju kollha rilevanti.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	23.4.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 42 -: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Luís Paulo Alves, Catherine Bearder, Jean-Jacob Bicep, Victor Boştinaru, John Bufton, Nikos Chrysogelos, Ryszard Czarnecki, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Riikka Manner, Iosif Matula, Miroslav Mikolášik, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Younous Omarjee, Markus Pieper, Georgios Stavrakakis, Csanád Szegedi, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Justina Vitkauskaite, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Joseph Cuschieri, Vasilica Viorica Dăncilă, Karima Delli, James Nicholson, Ivare Padar, Herbert Reul, Elisabeth Schroedter, Richard Seeber, Czesław Adam Siekierski, Patrice Tirolien, Giommaria Uggias, Manfred Weber